16 ta' Frar 2019
29/2019

**KAPPILLAN ĠDID GĦALL-PARROĊĊA TA' ĦAL ATTARD**

L-Arċisqof Charles J. Scicluna ħatar lil Dun Joseph Grech bħala l-Kappillan tal-parroċċa ta' Santa Marija, Ħ'Attard.

Dun Joseph Grech twieled fis-26 ta' April 1970. Huwa rċieva l-edukazzjoni fl-iskola primarja tal-Mosta, l-edukazzjoni sekondarja fil-Kulleġġ San Alwiġi, Birkirkara, u l-edukazzjoni post-sekondarja fil-Kulleġġ Ġan Franġisk Abela, l-Imsida. Kompla l-istudji terzjarji fil-Fakultà tal-Arti u fil-Fakultà tat-Teoloġija (Filosofija u Teoloġija) fl-Università ta' Malta. Ġie ordnat saċerdot fid-29 ta' Ġunju 1997.

Dun Joseph serva bħala viċi arċipriet fil-parroċċa ta' Bormla (1997), arċipriet tal-parroċċa tal-Isla (2002) u arċipriet tal-parroċċa tas-Siġġiewi (2012) fejn ilu jservi għal dawn l-aħħar seba' snin.

Il-parroċċa ta' Ħ'Attard tiġbor fiha madwar 11,000 persuna f'3,300 familja.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċidonju
Il-Furjana, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 1
Il-Furjana FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** media@maltadiocese.org
**www.knisja.mt**